# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/89/PESK

## tat-18 ta' Frar 2013

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sal-20 ta' Frar 2014.

(3) Madankollu, ma għadux meħtieġ li ċerti persuni u entitajiet jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(4) Sabiex jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn l-Unjoni u l-Gvern taż-Żimbabwe, is-sospensjoni tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar imposta fuq iż-żewġ membri tat-tim ta' riimpenn tal-Gvern taż-Żimbabwe elenkati fid-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandhom jinżammu. Barra minn hekk, is-sospensjoni tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar għandha tiġi estiża biex tkopri sitt membri addizzjonali tal-Gvern taż-Żimbabwe.

(5) Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

L-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2014.

3. Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 4(1), safejn japplikaw għall-persuni elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2014.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha ma ntlaħqux.".

*Artikolu 2*

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6.

*ANNESS*

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK huma emendati kif ġej:

(1) Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin huma mħassra mill-Anness I

(a) Persuni

Chapfika, David

Chigudu, Tinaye Elisha Nzirasha

Chipanga, Tongesai Shadreck

Kwenda, R.

Mahofa, Shuvai Ben

Mashava, G.

Moyo, Gilbert

Mpabanga, S.

Msipa, Cephas George

Muchono, C.

Mudenge, Isack Stanislaus Gorerazvo

Mudonhi, Columbus

Mugariri, Bothwell

Mumba, Isaac

Mutsvunguma, S.

Nkomo, John Landa

Nyambuya, Michael Reuben

Parirenyatwa, David Pagwese

Rangwani, Dani

Ruwodo, Richard

Zhuwao, Patrick

(b) Entitajiet

Divine Homes (PVT) Ltd

(2) L-entrati għall-persuni li ġejjin elenkati f'Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK huma miżjuda mal-ANNESS II:

Murerwa, Herbert Muchemwa

Mzembi, Walter

Nguni, Sylvester Robert

Nhema, Francis Chenayimoyo Dunstan

Nyoni, Sithembiso Gile Glad

Shamu, Webster Kotiwani